# L-HINN MIN-NATURA HEMM ALLA!

Qaluli—u dawk li qalu
kellhom għelma ta' ġieħ,
isimhom kien imfaħħar,
għerfhom minsuġ sabiħ—

Qaluli: "Alla ħolma
li daħlet f'moħħ in-nies
meta kien' għadhom ġodda
minngħajr għaqal u qjies:

"Il-Biża' sawwarulhom
bħal Sultan tal-ħolqien,
is-Sid tal-Mewt u l-Ħajja,
seteghtu kullimkien."

Għafsitli qalbi l-bxara,
għax jien dejjem emmint
li Alla qabel kollox;
u dan il-ħsieb kont ħżint

ħaj ġewwa qalbi: mħabbti
lil da' l-Missier kont tajt
u lejh bit-tama f'sidri
dejjem għajnejja rfajt.

Stħajjilt bħal min jagħdirni
u jidħak minnufih;
għalhekk ħassejtni mnikket
bħal min jiltem bis-sħiħ.

Iżda ma rtmejtx. Ta' qalbi
il-ħila kollha ġbart,
u biex insib is-sewwa
ta' ħsiebi r-rqiq dawwart.

Staqsejt lis-sema: Għidli,
in-nisel tiegħek mn'ejn?
u s-sema dlonk weġibni:
"Ħalaqni Alla mix-xejn."

U ħadni sat-truf tiegħu,
lil-hinn mid-dawl tax-xmux,
lil-hinn mid-dija bajda
ta' kwiekeb ma jidhrux,

fejn sibna ħajt taż-żonqor
fuq sies taż-żnied imtalla',
u fuqu din il-kitba:
"Lil-hinn mill-ħajt hemm
Alla."

Fraħt, u mal-ferħa t-Tama
tbissmet bħal ward f'April;
u rġajt bi ħsiebi l-ura
minn dak il-mixi twil.

Staqsejt lid-dinja: Għidli,
ġrajjietek kif inbdew?
Weġbitni: "L-ġrajja kollha
li minn fuqi għaddew

bi ħżuż li ma jitħassru
ġo sidri miktubin:
min jaf jaqrahom jifhem
kif bdew u kif ġejjin.

U targa targa nżilna
mar-rdum taż-żmenijiet,
u ma ngħoddhomx tul ħajjti
kemm rajna egħġubijiet:

Sibna miktuba l-ħajja
tal-bniedem ġe' l-għerien,
u ta' snajjietu l-għodod
imxerrda kullimkien,

nies illi għexu u mietu
qabel ma nbnew l-ibliet
f'taqbida ħarxa u twila
ma' bhejjem bil-mijiet:

Bhejjem ta' qjies li jaħsdek,
suriθhom barranin,
li għadhom bil-waħx magħwara l-eluf tas-snin. (hom

Rajna s-sensiela kollha
tal-Ħajja tul it-triq,
mill-mastodont imġissem
sad-dud l-iżjed irqiq,

iżda fuq l-aħħar ħolqa,
fejn ħsiebi l-mixi ħalla,
kien hemm minquxa l-kitba:
"S'hawnhekk: lil-hinn hemm
Alla."

Quddiem ix-xhieda kbira
ħassejtni bħal mibluh
u l-ferħ li niżel f'qalbi
ġiebli f'għajnejja d-dmugħ.

Inbagħ'd meta rġajt l-ura
bil-ħarsa ta' rebbieħ,
u rajt il-ġonna jwarrdu,
l-oqsma biż-żara' sbieħ,

u l-ġnus tad-dinja kollha
fil-knejjes miftuħin
itennu, jtennu l-għanja
li nbdiet ma' l-ewwel snin,

twettqet ġe' sidri l-Emna
li dejjem kont għożżejt,
u t-talba ta' tfuliti,
bħal tifel żgħir tennejt:

u lill-Għorrief għidtilhom:
"Għerf wieħed qatt ma falla:
intom għidtuli gidba;
L-hinn min-natura hemm
Alla!"

**Dun Karm**